**148. L-Onor Austin Gatt, Ministru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lill-Malta Air Traffic Services Limited proprjeta' f'Ħal Luqa, f'Birzebbugia, f'Ħad-Dingli, fil-Kalkara, u f'Xewkija u f'Kerċem Għawdex kif inhi dieskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjeta' f'Ħal Luqa, f'Birzebbugia, f'Ħad-Dingli, fil-Kalkara, u f'Xewkija u f'Kerċem, Għawdex kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija f'ċens lill-Malta Air Traffic Services Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

19.10.04